Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 25/21**
il-Lussemburgu, 25 ta' Frar 2021

Stampa u Informazzjoni

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawżi Magħquda C-804/18
IX vs WABE e.V. u C-341/19 MH Müller Handels GmbH vs MJ

# Skont l-Avukat Ġenerali Rantos, persuna li timpjega tista' tawtorizza, fil-kuntest tal-politika ta' newtralità tagħha, l-ilbies, mill-impjegati tagħha, ta' simboli reliġjużi ta' daqs żgħir

**Kawża C-804/18**: WABE, assoċjazzjoni Ġermaniża ta' utilità pubblika, tmexxi stabbilimenti li jilqgħu u jedukaw it-tfal matul il-jum. Hija tixtieq tkun newtrali fir-rigward tal-partiti politiċi u d-denominazzjonijiet reliġjużi. IX hija għalliema ta' studenti bi bżonnijiet speċjali u ilha taħdem għal WABE sa mis-sena 2014. Ta' twemmin Musulman, IX iddeċidiet, fil-bidu tas-sena 2016, li tilbes il-velu Iżlamiku inkluż fuq il-post tax-xogħol tagħha. Minn Ottubru 2016 sa Mejju 2018, hija kienet fuq leave parentali.

F'Marzu 2018, WABE adottat direttivi tas-servizz għall-osservanza tal-prinċipju ta' newtralità. Dawn jipprekludu lill-impjegati milli jilbsu, fuq il-post tax-xogħol tagħhom, simboli viżibbli tat-twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż tagħhom. Huma b'mod partikolari koperti s-salib Nisrani, il-velu Iżlamiku u l-kippah Lhudija. L-osservanza tal-prinċipju ta' newtralità ma hijiex imposta fuq l-impjegati ta' WABE li jaħdmu fis-sede tal-impriża peress li dawn ma għandhomx kuntatt mal-klijenti.

Informata bl-istruzzjonijiet adottati minn WABE, IX irrifjutat li tneħħi l-velu tagħha u, konsegwentement, irċeviet diversi avviżi qabel ġiet sospiża provviżorjament.

L-impjegata tikkontesta quddiem l-Arbeitsgericht Hamburg (il-Qorti Industrijali ta' Hamburg, il-Ġermanja) id-deċiżjoni ta' WABE.

**Kawża C-341/19**: il-kumpannija MH Müller Handels topera katina ta' spiżeriji fil-Ġermanja. MJ, ta' twemmin Musulman, ilha impjegata minn din l-impriża sa mis-sena 2002, bħala bejjiegħa u kaxxiera. Fl-2014, mar-ritorn tagħha mil-leave parentali, hija ġiet liebsa, għall-kuntrarju ta' dak li kien il-każ qabel, velu Iżlamiku. Quddiem ir-rifjut tagħha li tneħħi l-velu tagħha fuq ix-xogħol, hija rċeviet, mingħajr il-persuna li timpjegaha, f'Lulju 2016, direttiva li tippreżenta ruħha fuq il-post tax-xogħol tagħha mingħajr simboli prominenti ta' daqs kbir ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż.

MJ tikkontesta d-deċiżjoni tal-persuna li timpjegaha u titlob lill-Bundesarbeitsgericht (il-Qorti Industrijali Federali, il-Ġermanja) tiċħad ir-rikors ippreżentat minn MJ.

Iż-żewġ qrati jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dawn ir-regoli tal-impriżi humiex konformi mad-direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol [1].

Fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati llum, l-Avukat Ġenerali Athanasios Rantos ifakkar, qabelxejn, li "ugwaljanza fit-trattament" fid-direttiva tfisser l-assenza ta' kull diskriminazzjoni diretta jew indiretta bbażata, *inter alia*, fuq ir-reliġjon. Huwa jqis, billi jirreferi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi G4S Secure Solutions [2] u Bougnaoui [3], li **l-projbizzjoni tal-ilbies ta'**

[1] Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).
[2] Sentenza tal-14 ta' Marzu 2017, Centrum voor Gelijkheid van kansen en voor racismebestrijding vs G4S Secure Solutions, C-157/15, ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru 30/17.

**kwalunkwe simbolu viżibbli ta' twemmin** politiku, filosofiku jew **reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, li tirriżulta minn regola interna ta' impriża privata, ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni diretta bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin, fil-konfront tal-ħaddiema li josservaw ċerti regoli fl-ilbies minħabba regoli ta' kondotta reliġjużi li jeżiġu li jkopru lilhom infushom**.

L-Avukat Ġenerali jeżamina, sussegwentement, il-kwistjoni tal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni, fil-kuntest ta' politika ta' newtralità tal-impriża, tal-projbizzjoni minn regola interna tal-ilbies fuq il-post tax-xogħol ta' simboli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż prominenti ta' daqs kbir.

Fis-sentenza tagħha G4S Secure Solutions, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għall-ilbies *b'mod viżibbli ta' kwalunkwe simbolu* ta' twemmin reliġjuż fuq il-post tax-xogħol. Hija qieset li l-projbizzjoni tal-ilbies ta' dawn is-simboli hija xierqa sabiex tiżgura l-applikazzjoni korretta ta' politika ta' newtralità tal-impriża, sakemm din il-politika tkun ġenwinament segwita b'mod koerenti u sistematiku. Il-kwistjoni tal-projbizzjoni tal-ilbies ta' *simboli prominenti ta' daqs kbir* għadha ma ġietx deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja.

L-Avukat Ġenerali jirrileva li din il-kwistjoni twassal sabiex jiġi vverifikat jekk l-ilbies *viżibbli* ta' simboli ta' *daqs żgħir* huwiex xieraq. Huwa jqis f'dan ir-rigward **li politika ta' newtralità politika, filosofika jew reliġjuża ta' persuna li timpjega, fir-relazzjonijiet tagħha mal-klijenti tagħha, ma hijiex inkompatibbli mal-ilbies, mill-impjegati tagħha, ta' simboli reliġjużi, viżibbli jew le, iżda ta' daqs żgħir, fi kliem ieħor diskreti, li ma jiġux innotati mal-ewwel approċċ**.

Skont l-Avukat Ġenerali, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti definizzjoni speċifika tal-kliem "daqs żgħir", peress li l-kuntest li fih jintlibes is-simbolu jista' jkollu rwol. Madankollu, huwa jqis li l-velu Iżlamiku ma jikkostitwixxix simbolu reliġjuż ta' daqs żgħir. Hija għaldaqstant il-qorti nazzjonali li għandha teżamina s-sitwazzjoni każ b'każ.

L-Avukat Ġenerali jqis li minkejja li l-projbizzjoni tal-ilbies, fuq il-post tax-xogħol, ta' kwalunkwe simbolu viżibbli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż hija ammissibbli, il-persuna li timpjega hija libera wkoll, fil-kuntest tal-libertà ta' intrapriża tagħha, li tipprojbixxi biss l-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir.

L-Avukat Ġenerali jikkonkludi li **regola interna ta' impriża privata li tipprojbixxi biss, fil-kuntest tal-politika ta' newtralità tagħha, l-ilbies ta' simboli prominenti ta' daqs kbir ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol, tista' tiġi ġġustifikata.** Tali politika ta' projbizzjoni għandha tiġi segwita b'mod koerenti u sistematiku, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.

Fl-aħħar nett, l-Avukat Ġenerali jeżamina l-kwistjoni ta' jekk l-Istati Membri jistgħux japplikaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tipproteġi l-libertà ta' reliġjon waqt l-eżami ta' direttiva bbażata fuq regola interna ta' impriża li tipprojbixxi l-ilbies ta' simboli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż. Fil-fatt, mid-dispożizzjonijiet kostituzzjonali Ġermaniżi jirriżulta li x-xewqa ta' persuna li timpjega li ssegwi politika ta' newtralità reliġjuża fil-konfront tal-klijenti tagħha, bħala prinċipju, ikollha natura leġittima biss jekk l-assenza ta' din in-newtralità twassal għal dannu ekonomiku għaliha.

L-Avukat Ġenerali jqis li huwa neċessarju li tittieħed inkunsiderazzjoni d-diversità tal-approċċi fl-Istati Membri għal dak li jirrigwarda l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon. Huwa jqis li d-dispożizzjonijiet nazzjonali Ġermaniżi ma jaqgħux f'kunflitt mad-direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol. Fil-fatt, dawn ma jipprojbixxux politika ta' newtralità politika, filosofika jew reliġjuża min-naħa ta' persuna li timpjega iżda jistabbilixxu biss rekwiżit addizzjonali relattiv għall-implimentazzjoni tagħha, jiġifieri l-eżistenza ta' theddida suffiċjentement konkreta ta' żvantaġġ ekonomiku għall-persuna li timpjega jew għal terz ikkonċernat.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jikkonkludi li **qorti nazzjonali tista' tapplika d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali li jipproteġu l-libertà ta' reliġjon waqt l-eżami tal-konformità mad-direttiva ta' regola interna ta' impriża privata relattiva għall-projbizzjoni tal-ilbies ta'**

---

[3] Sentenza tal-14 ta' Marzu 2017, Bougnaoui u Association de défense des droits de l'homme (ADDH) vs Micropole Univers, C-188/15, ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru 30/17.

**simboli ta' twemmin politiku, filosofiku jew reliġjuż fuq il-post tax-xogħol. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma għandhomx jiksru l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni previst mid-direttiva, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali**.

---

**NOTA:** Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*